# Il-Ħuttafa

Numru **137**

Novembru - Diċembru 2016



**Buttuniera**

€2 għal min mhux membru

BirdLife MALTA

**Il-magażin ta' Klabb Ħuttaf**

Klabb Ħuttaf




# Ħbieb Ħuttaf

mill-editur

Ħafna nies meta jisimgħu l-isem BirdLife jiġi quddiem għajnejhom grupp ta' nies jargumentaw mal-kaċċaturi.

Veru li l-BirdLife għaddejja f'battalja kontinwa biex tiddenfendi l-għasafar minn dawk li jridu joqtluhom jew jaqbduhom. Imma tagħmel ħafna iktar minn hekk! Għax l-għasafar mhux lill-kaċċaturi u lin-nassaba biss għandhom problema.

L-ikbar problema li għandhom l-għasafar – u miljuni ta' speċi oħrajn madwar id-dinja – hi li qed jispiċċawlhom il-ħabitati fejn jgħixu. Dan qed jiġri minħabba l-iżvilupp u t-tniġġis tal-bniedem u minħabba l-bidla fil-klima. F'Malta dil-problema teżisti wkoll. F'pajjiżna wkoll il-ħabitati naturali naqsu ħafna. Għalhekk fil-BirdLife naħdmu wkoll ħafna fuq dil-problema. Dan nagħmluh b'żewġ modi...




Desirée Falzon




Desirée Falzon

Biex isir sew dax-xogħol jieħu ħafna sforz, pjanar, żmien u spejjeż. Imma l-aqwa li fl-aħħar ħa jgħin lin-natura u lill-għasafar. U lin-nies li jgawduh.

U dan mhux kollox tafux! Il-BirdLife tagħmel ħafna iktar affarijiet imma dwar dawn nitkellmu xi darb'oħra. Sadattant nawguralkom Milied sabiħ u nixtiqilkom sena ġdida mimlija ferħ, daħq u natura.

Victor

**Victor Falzon** L-Editur

FUQ QUDDIEM



Ritratt ta' Desirée Falzon

Il-**buttuniera** (sweet alison *Lobularia maritima*) hija pjanta komuni. Tikber baxxa, tagħmel ħafna fjuri u ssibha tikber kullimkien. B'xorti ħażina ħafna jqisuha 'ħaxixa ħażina' u jaqtgħuha jew joqtluha bil-bexx. S'intendi l-friefet u n-naħal ma jaqblu xejn ma' dan!



BirdLife MALTA

## Kontenut

| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Fil-ħamrija | 4-5 |
| L-aljeni | 6 |
| Qed ifaqqas il-faqqiegħ | 7 |
| Irrid insir berdwoċer! | 8-9 |
| Ix-Xagħra tal-Kortin | 10-11 |
| Ix-xatt tagħkom | 12 |

## Kitbu

Martin Austad, Sean Bonello, Elisabeth Conrad, Desirée Falzon, Victor Falzon

## Klabb

Klabb Ħuttaf huma l-membri żgħar u żgħażagħ (-18yrs) ta' BirdLife Malta. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, ħarġiet bil-lanċa u attività ambjentali. Kull xahrejn noħorġu l-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. It-taqsima tal-membri li għalqu t-13 tissejjaħ **Falko**. Sħubija fil-klabb hija €10 fis-sena.

## Kuntatt

tel **21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

Reg.Vol.Org. VO/0052

© BirdLife Malta, Diċembru 2016
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop



# Xi ħadd qalilhom!

**L-għasafar donnhom jafu li r-riserva naturali tas-Salina issa qiegħda f'idejn il-BirdLife, għax f'dawn l-aħħar ġimgħat kien qed ikun hemm numru sabiħ ta' gawwi, ċirlew, agretti, blonġuni, irsieset, imragen, pispisell u tajr ieħor tal-baħar u x-xtut.**

Aron Tanti

Aron Tanti

## Ftaħna

**Kif jiġri kull sena, ir-riservi naturali tal-Għadira u s-Simar kienu magħluqin għas-sajf. F'dawk ix-xhur isir ħafna xogħol: nirranġaw, niżbru, niżbgħu, inħawlu, nibdlu, innaddfu, eċċ. Insomma dejjem naraw x'nivvintaw biex nagħmlu dawn il-postijiet iktar interessanti għan-natura u għan-nies li jżuru.**

**Issa li s-sajf għadda r-riservi naturali reġgħu fetħu. F'Ottubru nfetħu għall-iskejjel, kif jafu diversi klassijiet li diġà kellhom ħarġa għal hemm, u f'Novembru nfetħu għall-publiku.**



Tiġieġ tal-Baħar

**L-Għadira tiftaħ is-Sibt u l-Ħadd.**
**Is-Simar jiftaħ il-Ħadd.**
**Ħin mill-10am sa 4pm.**
**M'għandkomx bżonn tibbukkjaw, aqbdu u morru.**




## Razzett fil-Buskett

BirdLife Malta



Moħbi qalb is-siġar fil-Buskett hemm razzett li ftit jafu bih. Jismu r-**Razzett Tal-Bosk** u sa ftit snin ilu kien imwaqqa' u mitluq. Issa li rrestawrat ħa jintuża mill-ġdid imma mhux iktar bħala razzett. Se tużah il-BirdLife għal diversi affarijiet, fosthom attivitajiet li għandhom x'jaqsmu man-natura tal-Buskett. Se jkun ukoll ċentru għall-kura ta' għasafar feruti sakemm dawn ifiqu u jerġgħu jinħelsu. Ir-Razzett jiftaħ ukoll għall-publiku Sibtijiet u Ħdud mill-10am sa nofsinhar.

Victor Falzon



Wara x-xita nibdew ninnutaw il-**faqqiegħ**. Dawn huma parti żgħira mill-fungu li jgħix fil-ħamrija fil-forma ta' eluf ta' ħjut irqaq.




Victor Falzon





Ix-**xini tal-ħamrija** huwa predatur. Jikber sa 15ċm u jserrep qalb ik-ħamrija jfittex ħniex u insetti żgħar għall-ikel.



Mill-ħlejjaq kollha tal-ħamrija, l-iktar importanti huma l-**bakterja**, li f'roqgħa żgħira ħamrija hemm minnhom iktar milli hemm nies fid-dinja! Hemm ħafna tipi ta' bakterja, ilkoll 'mikroskopiċi, li bis-saħħa tagħhom isiru s-sustanzi fil-ħamrija.

Il-**bugħarwien ta' Malta** huwa wieħed mill-annimali li jagħti servizz ta' riċiklaġġ lin-natura meta jiekol ħaxix u weraq niexef. Huwa endemiku għal Malta u Sqallija.






Il-**ħanex tal-ħamrija** jgħix f'toqob li jħaffer huwa u għaddej mill-ħamrija. Joħroġ biss bil-lejl biex jiġbed xi weraq minn wiċċ il-ħamrija għall-ikel.





Ambjenti u Residenti

# Fil-Ħamrija

Desirée Falzon

Desirée Falzon







Il-**bombli** jagħmlu l-bejta f'ħofra fil-ħamrija fejn jgħixu f'[2]kolonja. Kull sena jagħmlu bejta ġdida li fiha jrabbu l-frieħ sa ma dawn jikbru.




Il-**ħażżien iswed** jgħix f'[2]kolonji ta' eluf ta' nemel f'bejta li taf tkun kbira, b'ħafna b'toqob jinfdu għall-wiċċ minn fejn iġorru żrieragħ u jsorruh taħt l-art.






l-**baħrija tat-tengħud** tgħaddi x-xitwa taħt il-ħamrija bħala [3]fosdqa. Fir-rebbiegħa toħroġ il-baħrija lesta, kbira u ikkulurita. Fil-ħarifa tbid fuq pjanti tat-tengħud ħalli x-xagħat isibu x'jieklu..

Il-ħamrija hija ħabitat prezzjuż għall-ħajja tad-dinja. Biljuni ta' annimali jgħixu fiha u ħafna proċessi li tiddependi minnhom il-ħajja jsiru fiha. Wieħed minn dawn huwa r-riċiklaġġ tal-ikel: meta pjanti u annimali jmutu, jew meta narmu fdalijiet ta' ħaxix, jew meta s-siġar iwaqqgħu l-weraq, dawn kollha jitmermru u jsiru kompost jew jinbidlu f'sustanzi, li mbagħad jerġgħu jintużaw minn pjanti ġodda. Dil-ħaġa ma ssirx bil-maġija! Fil-ħamrija jgħixu ħafna ħlejjaq oħrajn, fosthom ħafna [1]mikroskopiċi, bħall-bakterja. Dawn jieklu l-materjal mejjet u jbiddluh f'ħamrija ġdida. Mingħajr dawn il-ħlejjaq il-materjal kollu jibqa' jinġema' f'wiċċ il-ħamrija u nispiċċaw nintradmu taħtu. Għalhekk importanti nieħdu ħsieb il-ħamrija billi ma nitfgħux veleni u kimiċi fiha u billi ma ngħattuhiex bit-toroq u bit-terrapien (jew bil-madum fil-ġardina!). Inkella nkunu qed neqirdu ħabitat li ma ngħixux mingħajru!





Il-**busewdien tat-terriċċju** jgħix qalb il-weraq li jiksu wiċċ il-ħamrija, iġorr u jiekol żrieragħ ta' pjanti slavaġ. Iħaffer bejta fil-ħamrija fejn ibid u jħalli żerriegħa għaż-żgħar.

[1]**mikroskopiku.** Oġġett tant żgħir li trid mikroskopju biex tarah.
[2]**kolonja.** Annimali li jgħixu u jbejtu flimkien fi grupp.
[3]**fosdqa.** Fażi fil-ħajja ta' xi insetti, bħall-friefet u l-baħrijiet, meta l-larva jingħalaq fi speċi ta' qoxra qabel ma jsir adult. Bl-Ingliż *pupa*.








**L-ikbar problema ambjentali fid-dinja hija l-qerda tal-ħabitat. It-tieni l-ikbar problema hi l-problema ta' speċi aljeni invażivi. Din il-problema ġeneralment joħloqha l-bniedem, jew bi skop jew bi żball.**

ean Bonello

# L-Aljeni

## X'inhi speċi aljena?

Speċi aljeni huma annimali jew pjanti li jiddaħħlu f'ħabitat li mhux normali jinsabu fih; fi kliem ieħor, speċi li mhumiex indiġeni ta' dak il-post. Speċi ta' annimali jew pjanti aljeni jistgħu jkunu invażivi, u jħallu impatt ħażin fuq l-ambjent u l-bijodiversità. X'impatt jagħmlu l-aljeni?

## Bdil tal-ħabitat

Ħafna drabi l-bniedem idaħħal annimal jew pjanta f'post bi skop li jsolvi xi problema, imma bla ma jaħseb x'effetti oħra se jkun hemm. Pereżempju fis-snin 1800 iddaħħal il-*marram grass* fix-xtut ramlin ta' California, Oregon u Washington. L-iskop kien biex jikkontrollaw iċ-ċaqliq fir-ramel ta' dawn il-postijiet. L-esperiment kien effettiv però din il pjanta nfirxet u ħonqot il-pjanti indiġeni ta' dawn l-inħawi; u ħolqot ukoll kenn għal predaturi ta' għasafar tal-baħar. Id-dħul ta' din il-pjanta biddel il-ħabitat u ħoloq żbilanċ fl-ekosistema indiġena.



Fuq Stephens Island, gżira żgħira fi New Zealand, kienet tgħix speċi ta' għasfur żgħir, is-***Stephens Island wren***, li ma kienx itir. Fl-1894 mar jgħix hemm wieħed gwardjan tal-fanali u miegħu ħa lil Tibbles, il-qattus tiegħu. Waħdu, dan Tibbles qabad ir-*wrens* kollha tal-gżira. Peress li l-għasfur kien endemiku, inqered mhux biss minn Stephens Island imma anke mid-dinja! Kollu bis-saħħa ta' qattus wieħed!

## Kompetizzjoni

Bħall-ispeċi indiġeni, l-ispeċi aljeni għandhom ukoll bżonn spażju u riżorsi (speċjalment ikel) biex jgħixu. Ħafna speċi invażivi jiddominaw fuq speċi indiġeni u jisirqu r-riżorsi li s-soltu jintużaw minn speċi indiġeni. Din il-problema wasslet għal tnaqqis ta' speċi indiġeni, speċjalment f'ambjent fejn spazju, ikel u riżorsi huma limitati, pereżempju fuq gżejjer.

## Predaturi

Problema oħra hi li speċi aljeni spiss isiru predaturi ta' annimali indiġeni. Din ġrat fuq Guam, gżira fl-Oċean Paċifiku, fejn kien iddaħħal serp (il-*brown tree snake*) li qered tliet kwarti tal-ispeċi ta' għasafar indiġeni f'din il-gżira, żewġ speċi ta' gremxul u żewġ speċi ta' friefet il-lejl li jinsabu hemm. Uħud minn dawn l-ispeċi vittmi tas-serp kienu endemiċi, jiġifieri kienu jgħixu hemm biss u mkien iktar fid-dinja.

## Ħibridizzar

Ħibridizzar (hybridisation) huwa meta żewġ speċi li jkunu jixxiebħu jitgħammru bejniethom. Ċerti speċi indiġeni għandhom kompożizzjoni ġenetika li jekk titħallat ma' speċi oħrajn tinbidel drastikament. Din tista' twassal għall-estinzjoni tal-ispeċi indiġena. Dan ġara pereżempju meta fi Spanja ddaħħlet ir-*ruddy duck* (speċi Amerikana) li bdiet titgħammar mal-*white-headed duck* (speċi indiġena u rari) u ġabitha f'xifer l-estinzjoni fl-Ewropa.

## X'qed isir?

Il-problema ta' speċi aljeni tinsab madwar id-dinja kollha u ħafna pajjiżi qed iwettqu pjanijiet fit-tul biex jeħislu min speċi aljeni. Huwa fatt li ladarba speċi tinfirex f'pajjiż isir diffiċli teqridha kollha. Imma bi sforzi u spejjeż kbar kien hemm diversi suċċessi f'ħafna gżejjer żgħar, bħal Kiska (fejn ħelsu mill-volpi), Campbell (ħelsu mill-firien), Baja (firien, qtates, fniek u mogħoż), Santiago fil-Galapagos (mogħoż) u Breaksea (firien). Imma għalkemm dawn kienu suċċess, il-ħsara kienet leħqet saret għax xi speċi indiġeni kienu leħqu saru estinti.

**Aħna stess min-naħa tagħna għandna dejjem nevitaw li nitilqu fil-kampanja ta' pajjiżna pjanti u annimali li nixtru minn petshops u ħwienet tal-ġonna, għax x'aktarx dawn ikunu aljeni. Għandna wkoll inqajmu kuxjenza ma' kulħadd dwar l-impatt negattiv li jagħmlu dawn l-ispeċi.**



Aron Tanti

far iswed



BirdLife Malta

fellus ta' garnija

## F'Malta teżisti din il-problema?

**Iva, f'Malta wkoll għandna ħafna speċi aljeni, fosthom il-far iswed. Il-BirdLife ilha diversi snin tmexxi proġett biex tnaqqas il-firien mill-inħawi tal-Irdum tal-Madonna għax il-firien jieklu l-bajd u l-flieles tal-garni li jbejjet hemmhekk. Il-proġett irnexxa u n-numru ta' garni reġa' żdied.**

# Qed ifaqqas il-faqqiegħ !

Charles Galea Bonavia

Ix-xitwa li għaddiet xita ftit għamlet u n-natura batiet ħafna. Mietu ħafna żringijiet, miet ħafna bebbux, mietu anke koċċ siġar, u faqqiegħ ma kiber kważi xejn.

Din il-ħarifa mod ieħor, u l-faqqiegħ naħseb ħa jkollu staġun tajjeb. Il-faqqiegħ iħobb id-dell u l-umdu, u jekk tfittex f'xi nħawi fil-ħaxix madwar bażi ta' siġra jew zokk mejjet fl-art (anke fuq iz-zokk stess) forsi ssib uħud minn dawn l-għeġubijiet tan-natura.

Il-faqqiegħa (*mushroom*) hija biss parti mill-fungu, il-biċċa l-kbira tal-fungu tkun taħt l-art forma ta' massa ħjut irqaq. Il-faqqiegħa hija biss il-frotta, li tagħmel l-ispori (speċi ta' żerriegħa) li jinġarru bir-riħ biex jikbru x'imkien ieħor.

Dari l-fungi konna ngħodduhom mal-pjanti imma llum nafu li l-fungi ma huma pjanti xejn. Għalhekk inħoloq renju (kingdom) ġdid għalihom, ir-renju FUNGI.

F'Malta l-fungi għadhom qed jiġu studjati. Nafu li għandna mill-inqas **300** speċi (bla ma ninkludu dawk mikroskopiċi) imma għadna lanqas nafu x'jisimhom kollha. Fosthom forsi hemm uħud li huma ġodda għax-xjenza.

Għandna bżonn iktar nies li jistudju il-fungi. Forsi inti stess li qed taqra dal-magażin! Jekk tħobb titgħallem dwar in-natura, tħajjar studja l-fungi u min jaf, forsi ssib speċi ġdida... u jsemmuha għalik!


Desirée Falzon


Victor Falzon


Charles Galea Bonavia


Aron Tanti


Desirée Falzon



**Martin Austad** jagħtina pariri biex insiru berdwoċers.



X'hemm iktar meraviljuż minn kreaturi li jtiru? L-għasafar huma fost il-ħlejjaq li jaffaxxinaw l-iżjed lill-bniedem. Hemm diversità kbira tagħhom, b'ħafna kuluri u għamliet. Fid-dinja nafu bi kważi 10,000 speċi ta' għasafar. Minn dawn f'Malta dehru s'issa iktar minn 400 speċi u jekk toħroġ tfittixhom tista' tibda ssibhom int ukoll. Biex tagħmel dan l-aħjar li ssir berdwoċer. X'għandek tagħmel?

# L-għodda tal-berdwoċer 1. It-tromba




## Essenzjali

L-ewwel ma jaqbillek tagħmel hu li tixtri tromba. Biex ingawdu l-għasafar tajjeb li narawhom fl-ambjent naturali tagħhom u tajjeb ukoll li narawhom viċin. Imma l-għasafar jibżgħu min-nies, u jekk nersqu viċin tagħhom ingerrxuhom. Tromba hija għalhekk essenzjali għall-berdwoċing.

## Mhux ġugarell

Għalkemm mingħajr tromba xorta tista' tgawdi l-ġmiel u l-għana tal-għasafar fil-kampanja, meta tarahom mit-tromba tibda tinnota ħafna iżjed dettal li jgħinuk tagħraf xi speċi qed tara. Tromba tajba mhix irħisa, għax għall-berdwoċing ma rridux tromba ġugarell bl-lentijiet tal-plastik u xi kulur isfar jgħajjat! Imma jekk tibda tfaddal ftit ftit ikollok biżżejjed. Imbagħad meta takkwistaha, ħu ħsiebha u ddum tgawdi l-għasafar minnha għal ħafna snin.

Issa li wasal il-Milied żellaq kelma quddiem il-familja, forsi ma tafx kif issib waħda fil-kalzetta!



## Kemm tkabbar



Tipi u għamliet ta' trombi hawn kemm trid. Importanti ħafna li ma tixtrihiex kbira u tqila għax malajr tegħja żżommha m'għajnejk. It-tip *roof prism* (bit-tubi dritti) huma spiss iżgħar u eħfef minn dawk *porro prism* (bl-ispallejn). Tromba **7x** jew **8x** hija tajba ħafna biex tibda l-berdwoċing biha. Dan in-numru jgħidlek il-*magnification* (7x = tkabbar seba' darbiet, 8x = tmien darbiet, eċċ.) u jkun stampat x'imkien fuq it-tromba stess.

Tmurx għal tromba li tkabbar iktar minn 10x għax iktar ma tkabbar iktar ħa tbati biex issib l-għasfur u biex iżżomm it-tromba soda.

Minbarra l-*magnification* ikun hemm ukoll numru ieħor, pereżempju 7x**25**, 8x**30**. Dan juri l-wisa' tal-lenti. Numru ieħor li tajjeb tħares lejh huwa l-*field of view* li idealment ma tkunx iżgħar minn 100m (jew 6°). Tajjeb ukoll li t-tromba tkun *waterproof* jew għall-inqas issiġillata bin-nitroġenu. U jekk inti tuża nuċċali

roof prism

bit-tubu dritt



porro prism

bl-ispalla




**Berdwoċing**. n. Passatemp fejn tosserva u tgawdi l-għasafar ħajjin fl-ambjent naturali tagħhom bla ma tfixkilhom. **Berdwoċer**. n. Persuna li tipprattika dan il-passatemp. [Mill-kelma Ingliża *birdwatching/er*].




ara li l-*eye relief* (il-lastku madwar il-lentijiet minn fejn tittawwal) ikun ikbar minn 15mm.

## Tikkumplikax

Tixtrix tromba b'żum, *image stabilisation* jew iżjed minn rota waħda biex tiffoka għax b'dawn titlef mid-dawl fl-istampa u ddum iktar biex tiffoka.

## Ippruvaha

Tajjeb li tipprova t-tromba għand tal-ħanut l-ewwel, pereżempju fil-ħwienet tan-Nikon f'Malta. Jekk tixtri mill-Internet għandek iżjed għażla, imma trid toqgħod iżjed attent għal trombi ta' kwalità ħażina, għax s'intendi tromba li tixtri onlajn ma tistax tippruvaha qabel.

Opticron u Nikon huma żewġ ditti rinomati li għandhom trombi tajbin għal prezz irħas minn ditti bħal Swarowski u Zeiss. Jekk tonfoq bejn €100 u €200 għandu jkollok tromba tajba. Jekk dan hu ħafna tikkonfondix: l-ewwel tromba tiegħi kont xtrajtha tmien liri (xi €20) minn ħanut fil-pjazza tar-raħal! Jekk tixtri tromba ta' dan il-prezz u li m'għandhiex ditta speċifika, hu ferm iżjed importanti li tippruvaha qabel tixtriha. Dan tagħmlu billi toħroġ barra quddiem il-ħanut u tiffoka fuq oġġetti f'distanzi differenti. Jekk tara doppju jew it-truf tal-oġġetti mċajprin tixtrihiex.

## Ibża' għaliha

Tonfoq kemm tonfoq, qis li t-tromba tieħu ħsiebha jekk tridha sservik. Tħallihiex fix-xemx jew fl-umdu (anke jekk hi *waterproof*), tressaqhiex lejn ramel, tużahiex waqt li qed tiekol, tippruvax iżżarmaha,




naddfilha l-lentijiet b'ċarruta apposta u kemm jista' jkun żomm il-lentijiet mgħottjin bl-għotjien tagħhom ħalli tevita grif u trab fuq il-lenti.




Victor Falzon

Ħaġa oħra utli ħafna għall-berdwoċing huwa ktieb speċjali ngħidulu gajd, imma fuq dan nitkellmu f'ħarġa oħra.





Il-ktieb li ħarġet BirdLife Malta

**History of Ornithology in Malta**

għadu kemm rebaħ il-Premju Nazzjonali għall-

**Aħjar Produzzjoni ta' Ktieb bl-Isbaħ Dehra**

għas-sena 2015.

Il-ktieb fih 390 paġna, bil-kulur u mimli illustrazzjonijiet u ritratti.
Jinsab għall-bejgħ mingħand il-BirdLife u ħwienet tal-kotba. Prezz €49
Għal aktar tagħrif ibgħat imejl fuq **info@birdlifemalta.org** jew ċempel **21347645/6**



Natura 2000
Natura mħarsa



Elisabeth Conrad

# Ix-Xagħra tal-Kortin



## Fejn hi?

Ix-Xagħra tal-Kortin qiegħda ħdejn ix-Xemxija, fl-inħawi bejn il-Mistra u Daħlet il-Fekruna

F'din il-ħarġa se nitkellmu dwar sit żgħir fl-inħawi tal-Bajja tal-Mistra, li nafuh bħala x-Xagħra tal-Kortin. Mhuwiex xi sit magħruf ħafna, bħal ngħidu aħna l-Buskett jew id-Dwejra – forsi din l-ewwel darba li smajtu bih intom stess!

## Ma jintlaħaqx malajr

Ix-Xagħra tal-Kortin qiegħda mal-baħar, b'ambjent pittoresk ta' rdum u xagħri. Ħafna partijiet ta' dan l-irdum ma jintlaħqux faċilment – tista' tasal biss b'diffikultà kbira u jekk tassew tkun avventuruż! Forsi għalhekk ma tantx jiġu hawn in-nies, u mnalla. Minhabba li ftit huwa aċċessibbli, in-natura hawnhekk hija pjuttost protetta.

## Diversi speċi rari

Insibu diversi speċi ta' pjanti tipiċi Maltin, inkluż speċi endemiċi, bħal pereżempju il-**ġiżi ta' Malta**, it-**tulliera ta' Malta**, is-**siġra tal-ħarir**, it-**tengħud tax-xagħri**, ix-**xebb**, l-**orkida piramidali ta' Malta**, il-**ħatba s-sewda ta' Malta**, l-**erika**, is-**sagħtar**, u l-**brijonja sewda**.

Ħafna mill-ispeċi li jikbru hawnhekk mhumiex mifruxin wisq mal-Gżejjer Maltin. Pereżempju l-ġiżi ta' Malta jinsab biss hawnhekk u f'żewġ postijiet oħra f'pajjiżna: f'Għawdex u f'Tal-Miġnuna, sit Natura 2000 ieħor viċin ħafna t'hawn.




Diversi minn dawn l-ispeċi huma protetti bil-liġi Maltija jew qegħdin fir-*Red Data Book* ta' Malta, ktieb li fih l-ispeċi li f'pajjiżna huma l-iktar mhedda, u li għalhekk jeħtieġu ħarsien speċjali.

L-importanza ta' dan is-sit, però, ma tiġix biss mill-preżenza ta' dawn l-ispeċi imma anke mill-kundizzjoni tagħhom. In-nuqqas ta' aċċess faċli serva biex jitħares dan l-ambjent, u għalhekk insibu diversi komunitajiet ta' pjanti li huma fi stat tajjeb ħafna, specjalment meta nqabblu ma' postijiet oħrajn fejn il-preżenza tal-bniedem tinħass iktar. Pereżempju l-komunità tas-siġra tal-ħarir li nsibu hawnhekk hija meqjusa waħda mill-aħjar eżempji fil-pajjiż.

## X'tella' l-baħar!

F'dan is-sit insibu wkoll xatt żgħir taċ-ċagħaq fil-Qala tal-Mistra. Bħal ma jiġri f'bajjiet oħra, fix-xitwa wara l-maltemp il-baħar spiss itella' fuq ix-xatt meded ta' **alka** (jew **posidonja**). Għalkemm mad-daqqa t'għajn jidhru skart jew xi ħaġa li tkerrah ix-xatt, dawn il-munzelli alka (bl-Ingliż *banquettes*) huma fil-fatt importanti għal diversi raġunijiet. L-ewwelnett, fihom tgħix komunità sħiħa ta' bijodiversità, inkluż **bebbux**, u ħafna tipi ta' insetti, fosthom **ħanfus** u **dubbien**. Dawn



Desirée Falzon

Fix-xitwa meta ma jsirx għawn dawn il-*banquettes* għandna nħalluhom fix-xatt, mhux inneħħuhom u niftaħru fil-midja li għamilna *clean-up*!




Victor Falzon



il-*banquettes* huma meqjusin fost l-iktar ħabitati importanti fl-Ewropa. Barra minn hekk, dawn il-munzelli jilqgħu kontra l-qilla tal-mewġ u jipproteġu x-xatt milli jitmermer.

F'parti mill-wied li jiftaħ fuq il-bajja tal-Mistra nsibu wkoll medda żgħira ta' bur salmastru, fdal ta' ambjent li darba kien ikbar imma li ntilef taħt l-iżvilupp. Fih ukoll insibu wkoll pjanti li mhumiex komuni, fosthom is-**simar niggież**.



Victor Falzon

**Ġiżi ta' Malta**

Minkejja li s-sit huwa pjuttost inaċċessibbli xorta tista' ssirlu l-ħsara, pereżempju bir-rimi ta' skart. Proprju minħabba li għadu fi stat daqshekk tajjeb, iktar għandna nagħmlu kull ma nistgħu biex nibżgħu għalih ħalli ma jitfaqqarx.



Desirée Falzon

**Siġra tal-Ħarir**
Wolfbane
*Periploca angustifolia*




Victor Falzon

**ha** = hectare, ettaru (10,000m²)

Joe Sultana



# Ix-xatt tagħkom

Aħna ngħixu f'pajjiż daqs nitfa u ffullat bin-nies. Għalhekk xieraq li nibżgħu għal kull farka art li għandna. Minħabba li Malta gżira għandna ħafna xatt imma parti sew minnu diġà mirduma taħt konkos, ġebel u tarmak. B'xorti tajba baqa' xi meded sbieħ li tieħu r-ruħ tħares lejhom, bħal dawn l-inħawi ta' **Għajn Barrani** f'Għawdex. Għalhekk hemm bżonn serju li nieqfu ngerrmu mix-xatt ta' pajjiżna. Bil-liġi x-xatt suppost proprjetà tal-Maltin kollha u mhuwiex għall-bejgħ. Mela żommu għassa b'għajnejn ta' seqer u kull fejn taraw żvilupp max-xatt tkellmu, irrappurtaw, tkażaw u qajmu kjass! Tħallux iktar min jisirqilkom ix-xatt. Ix-xatt tagħkom.